# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 603/2021 FDP**

**Fl-atti l-Mandat ta' Sekwestru nurmu 818/2021**

**fl-ismijiet**

**Alfred Schwab**

**Vs**

**Mr Green Limited**
**(C 43260)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti Mr Green Limited talbet is-segwenti:

    1. *Tordna illi l-effetti tad-digriet provizorju tal-Onorabbli Qorti tas-18 ta' Ġunju 2021 (anness bħala Dok MG3) illi laqa' t-talba għas-soprasessjoni u s-sospensjoni provviżorjament u pendenti r-risposta tal-eżekutat, tiġi estiża sakemm jiġi deċiż l-eżitu ta' dan ir-rikors.*

    2. *Tordna contario imperio t-tħassir għal kollox tal-att eżekuttiv ossia l-Mandat ta' Sewkestru eżekuttiv nru 818/2021 GM fl-ismijiet Alfred*

*Schwab vs Mr Green Limited (C43260) in vista tal-irrevokar taċ-Ċertifikat ta’ Ordni Ewropew ta' Infurzar (EEO Certificate) kif ordnat mill-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg fid-deċiżjoni ta’ 17 ta’ Ġunju 2021.*

*Bl-ispejjeż kontra l-eżekutanti.*

2. Rat illi fit-28 ta’ Ġunju 2021, il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-5 ta’ Lulju 2021.

3. Rat illi fl-14 ta’ Lulju 2021, l-intimat Alfred Schwab irrisponda għal dak mitlub billi oġġezzjona għat-talba kif redatta.

**Ikkunsidrat**

4. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni inbdew bħala riżultat ta’ Mandat ta’ Sekwestru Nru 818/2021 maħruġ fuq talba ta’ l-intimat Alfred Schwab kontra s-soċjeta’ rikorrenti.

5. Jirriżulta illi l-Mandat ta’ Sekwestru meritu tal-proċeduri odjerni inħareġ fl-10 ta’ Ġunju 2021 abbażi ta’ ċertifikat maħruġ mill-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg ġewwa l-Awstrija fil-15 ta’ April 2021, liema ċertifikat inħareġ abbażi tar-Regolament Ewropew 805/2004 li jikkonsisti f’Ordni Ewropew ta’ Infurzar għal Talbiet mhux ikkontestati.

6. Jirriżulta, di fatti, illi bejn il-partijiet kien hemm proċeduri quddiem il-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg, l-Awstrija, illi ġew deċiżi fit-18 ta’ Novembru 2020.

7. Jirriżulta illi, madanakollu, hemm qbil mill-partijiet illi tali proċeduri kienu attwalment ikkontestati u mhux, kif indikat “*uncontested*”, bir-riżultat illi l-enforzar tas-sentenza ġewwa Malta ma setax isir permezz tal-istrument legali kkreat bir-Regolament 805/2004, iżda semmai kellha tintuża strument legali ieħor, ossija ċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-Regolament 1215/2012 li jirregola l-enforzar ta’ sentenzi ġudizzjarji bejn stati membri tal-Unjoni Ewropeja.

8. Jirriżulta illi għalhekk is-soċjeta’ rikorrenti Mr Green Limited intavolat il-proċeduri ġewwa l-Awstrija sabiex tħassar iċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-regolament 805/2004 illi abbażi tiegħu ġie ppreżentat il-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv meritu tar-rikors odjern.

9. Jirriżulta wkoll illi, permezz tal-proċeduri 582/2021 li qed jinstemgħu u jiġu deċiżi kontestwalment mal-proċeduri odjerni, s-soċjeta’ rikorrenti talbet it-twaqqif tal-Mandat ta’ Sekwestru pendenti l-proċeduri ġewwa l-Awstrija.

10. Jirriżulta, mill-atti ppreżentati fil-proċeduri odjerni, illi permezz ta’ deċiżjoni mogħtija fil-15 ta’ Ġunju 2021, il-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg irrevokat iċ-ċertifikat maħruġ abbażi tar-Regolament 805/2004, stante illi saħqet illi nħareġ erronjament.

11. Jirriżulta għalhekk illi llum il-ġurnata ċ-ċertifikat li abbażi tiegħu inħareġ il-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv nru 818/2021 ġie revokat, bir-riżultat illi jispetta illi l-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv innifsu għandu jiġi revokat, stante illi l-bażi legali illi fuqu inħareġ inizzjalment, ossija ċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg fil-15 ta’ April 2021 abbażi tar-regolament 805/2004, ġie revokat mill-istess Qorti ta’ Salzburg.

12. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt li t-tieni talba timmerita illi tiġi akkolta, l-ewwel talba kif redatta issa ser tispicca rrilevanti in vista tal-fatt illi t-tieni talba qiegħda tintlaqa’.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat it-tħassir taċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-Regolament 805/2004 mill-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg li seħħ fis-17 ta’ Ġunju 2021;

**Tgħaddi** biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi filwaqt illi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba,

**Tilqa’** t-tieni talba kif dedotta, u għalhekk;

**Tirrevoka** *contario imperio* l-Mandat ta' Sewkestru eżekuttiv nru 818/2021 GM fl-ismijiet Alfred Schwab v Mr Green Limited (C43260) in vista tal-irrevokar taċ-Ċertifikat ta’ Ordni Ewropew ta' Infurzar (EEO Certificate) kif ordnat mill-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg fid-deċiżjoni ta’ 17 ta’ Ġunju 2021.

**Spejjeż** għandhom ikunu a kariku ta’ l-intimat Alfred Schwab.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**